MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Numru 57510/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Antonello Grech)**

**v.**

**David Zerafa**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali, minnu presentat il-bierah 19 ta' Gunju 2006, li permezz tieghu, wara li invoka l-Artikolu 575(4A) tal-Kodici Kriminali, huwa talab li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-imputat David Zerafa;

Rat id-digriet taghha tal-bierah li permezz tieghu l-imsemmi rikors gie appuntat ghas-smigh ghal-lum;

Semghet lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghar-rikorrent Avukat Generali kif ukoll lill-Avukat Dott. Joseph Giglio ghall-intimat David Zefara; semghet ukoll bil-gurament lill-Ispetturi tal-Pulizija Chris Pullicino u Antonello Grech;

Rat l-attijiet ta' l-istruttorja limitatament ghall-finijiet tat-talba odjerna; hadet konjizzjoni wkoll tal-fedina penali aggornata tal-intimat Zerafa; ikkunsidrat:

David Zerafa tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja fis-16 ta' Lulju 2005 akkuzat b'omicidju volontarju, sekwestru tal-persuna, pussess ta' arma regolari waqt il-kommissjoni ta' delitt kontra l-persuna, pussess u garr ta' arma u munizzjoni minghajr id-debita sensja, li spara tali arma f'post abitat u li huwa recidiv.

B'digriet ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Gunju 2006 (fol. 666 tal-attijiet tal-istruttorja), l-imsemmi David Zerafa nghata l-helsien mill-arrest fil-pendenza tal-proceduri kontra tieghu taht tlett kundizzjonijiet, u cioè (1) illi huwa jirrinkaza ruhhu fl-indirizz moghti minnu waqt il-prezentata u johrog mid-dar biss sabiex jattendi l-Qorti, (2) li taht ebda cirkostanza ma javvicina x-xhieda tal-Prosekuzzjoni la personalment u lanqas tramite terzi, u (3) li jiddepozita somma ta' hamest elef lira oltre li jintrabat b'garanzija personali ta' ghaxart elef lira.

L-Avukat Generali qed jibbaza t-talba tieghu ghar-revoka ta' dan id-digriet u ghall-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Zerafa principalment fuq il-biza' ta' intralc mal-provi tal-prosekuzzjoni da parti tal-akkuzat intimat jekk huwa jkun mhux taht arrest preventiv.

Issa, kif tajjeb osserva l-abbili difensur ta' l-intimat, din il-Qorti, fid-digriet taghha tat-18 ta' Frar 2006 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Bugeja u Piero di Bartolo*** kienet esprimiet ruhha hekk:

**"Il-procedura tar-rikors quddiem din il-Qorti, introdotta bl-Artikolu 140 ta' l-Att III tal-2002 – illum is-**

**subartikolu (4A) tal-Artikolu 575 – ma kienitx certament intiza biex <u>f'kull kaz</u> ta' ghoti ta' helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti (il-Qorti Kriminali) toqghod tirrevedi kollox biex tara jekk hi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, <u>kienitx kieku tikkoncedi dak il-helsien mill-arrest</u>, u, f'kaz ta' risposta negattiva, tirrevoka dak il-helsien mill-arrest. Fil-fehma ta' din il-Qorti dik l-imsemmija procedura giet introdotta biex, jekk din il-Qorti taqbel ma' l-Avukat Generali li l-ewwel Qorti tkun ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'mod evidentement zbaljat – sia jekk fuq bazi fattwali (ez. ma tkunx ikkunsidrat certi fatti) u sia jekk fuq bazi legali (ez. uzu hazin tal-garanzija personali) – allura tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest koncess mill-Qorti Inferjuri jew tvarja l-kundizzjonijiet li tahthom dak il-helsien mill-arrest ikun gie koncess. Fi kliem iehor, is-semplici fatt wahdu li din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li hija ma kienitx tikkoncedi l-helsien mill-arrest, jew li hija kienet kieku timponi kundizzjonijiet differenti minn dawk imposti mill-ewwel Qorti, m'ghandux iwassal necessarjament ghall-konsegwenza li din il-Qorti tirrevoka dak il-helsien mill-arrest jew tvarja dawk il-kundizzjonijiet. Wiehed ghandu neccessarjament jippresumi li l-Qorti Istruttorja tkun ghamlet ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha qabel ma tat il-helsien mill-arrest u qabel ma stabbiliet il-kundizzjonijiet tal-istess helsien. Parimenti, meta l-Qorti tal-Magistrati tirrifjuta li taghti l-helsien mill-arrest – u ghandha taghti r-ragunijiet ghal tali rifjut, Art. 575(11) – din il-Qorti, jekk ma tkunx tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata fir-rifjut taghha, m'ghandhiex tvarja tali decizjoni. Kieku kien mod iehor, ikun ifisser li d-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati f'din il-materja ta' helsien mill-arrest jkunu kwazi ta' natura aleatorja."**

Din il-Qorti qeghda tafferma dan l-insenjament. Fil-kaz in dizamina, però, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti, meta laqghet it-talba ghall-helsien mill-arrest bid-digriet taghha tal-15 ta' Gunju 2006 aktar 'l fuq imsemmi, ma tatx piz bizzejjed ghal zewg cirkostanzi partikolari u <u>ta' portata</u>

mhux zghira f'dan il-kaz, u cioè l-antecedenti penali tal-imputat u l-fatt li ghad fadal xhieda importanti li, minhabba ragunijiet mhux imputabbli ghall-prosekuzzjoni, ghadhom ma ddeponewx. Il-fedina penali tal-imputat hi indikattiva ta' karattru refrattarju bi propensità ghall-vjolenza, kemm morali (fis-sens minatorja) kif ukoll fizika. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza u mhux l-anqas il-gravità tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat intimat, kellu jkun manifest li, ghall-anqas f'dana l-istadju tal-proceduri, jezisti perikolu serju ta' intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja bil-mod kif ravvizat fil-paragrafi (a), (c) u (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali, b'mod ghalhekk li wiehed ma kellux ragjonevolment jistenna li jinghata d-digriet li effettivament inghata fil-15 ta' Gunju 2006.

Ghall-motivi premessi, hemm lok li t-talba ta' l-Avukat Generali tintlaqa'. Ghalhekk, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali kif migjuba fir-rikors tal-bierah, thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja tal-15 ta' Gunju 2006 (fol. 666 tal-attijiet ta' l-Istruttorja) u tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-intimat David Zerafa fil-mori ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------